



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

13.7.2012

B7-0416/2012

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa skont l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar

**Sergio Paolo Francesco Silvestris**

RE\910055MT.doc

PE493.548v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-industriji ta' kuljum jarmu sustanzi li jniġġsu fī kwantitajiet kbar u jikkawżaw danni lill-ekosistema akkwatika kollu;
- B. billi l-ilma mniġġes, indipendentement mis-sors tal-inkwinament, b'mod jew ieħor jerġa' lura fl-ambjent (b'mod partikolari fil-baħar u fl-ilma tal-pjan) u jista' jagħmel ħsara lis-saħħha tal-bniedem; billi l-ilmijiet użati, ilmijiet li l-kwalità tagħhom iddeterjorat minħabba azzjoni tal-bniedem wara użu f'attivitajiet domestiċi, industriali u agricolli, mhumiex tajbin għall-użu dirett, iżda li ma naffordjawx naħluhom, u wisq anqas li nxerrduhom fl-ambjent;
- C. billi r-riċiklaġġ tal-ilmijiet – huwa problema fid-dinja kollha, u ġie affrontat bil-proġett PURIFAST, li jista' jintqassar fil-formula Uf + Us, jew aħjar, “ultrafiltri u ożonizzazzjoni”, it-teknoloġija l-aktar avvanzata u l-aktar ekonomika għall-purifikazzjoni u l-użu mill-ġdid tal-ilmijiet imniġġsa mill-iskart industriali u cívili;
  1. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra teknoloġiji aktar ikkonsolidati, bħall-ożonizzazzjoni (sistema li jisfrutta l-kapaċità ossidanti tan-nitroġenu biex jiddegrada l-komposti organiċi), li jkunu tal-istess effikaċja u ekonomikament vantaġġjużi, biex tikkumbatti t-tniġġis tal-ilmijiet.